



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Baġits*

**2009/0144(COD)**

29.4.2010

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq  
(COM(2009)0503 – C7-0167/2009 – 2009/0144(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Haug

PA\_Legam

PE439.452v02-00

2/9

AD\814602MT.doc

**MT**

## **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

1. Biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sorveljanza finanzjarja Ewropea żvelati mill-kriżi finanzjarja riċenti, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' proposti bil-ħsieb li titwaqqaf sistema ta' sorveljanza finanzjarja iktar integrata u sostenibbli fl-UE. Din se tkun ibbażata fuq Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF), magħmula minn netwerk ta' superviżuri nazzjonali li jaħdnu id f'id mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, maħluqa bit-trasformazzjoni tal-kumitati superviżorji Ewropej<sup>1</sup> f'Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ta' vera. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' tliet aġenziji ddeċentralizzati Ewropej ġonna:

- l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE);
- l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX);
- l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

2. It-trasformazzjoni tal-kumitati superviżorji Ewropej eżistenti fawtoritajiet superviżorji Ewropej ta' vera effikaċi, jiġifieri aġenziji Ewropej, se tirrikjedi riżorsi aktar b'saħħithom - kemm f'termini ta' persunal kif ukoll f'termini ta' baġit. Fir-rigward tal-impatt tal-ħolqien ta' dawn it-tliet aġenziji fuq il-baġit Ewropew, dan se jammonta għal madwar EUR 59,699 miljun imqassma kif ġej:

Aġenzija	2011	2012	2013	Total
ABE	5, 206	7, 355	8, 965	21, 527
AEAPX	<b>4, 235</b>	<b>5, 950</b>	<b>6, 799</b>	<b>16, 984</b>
ESMA	5, 465	7, 202	8, 491	21, 158

f'miljuni ta' Euro.

3. Dawn il-fondi se jiġu mill-Intestatura 1a, imma din l-Intestatura diġà tbat minn marġni mnaqqsa ħafna: l-aħħar programmar finanzjarju tal-Kummissjoni (Jannar 2010), li diġà qies l-ammonti għat-tliet aġenziji (fost modifikasi oħrajn), jindika marġni ristretti ħafna sa tmiem il-qafas finanzjarju pluriennali attwali (bejn il-parentesi jinsabu l-marġni previsti fl-iprogrammar finanzjarju ta' Jannar 2009):

- EUR 37,041 miljun għall-2011 (111,590 miljun)
- EUR 34,003 miljun għall-2012 (123,879 miljun)
- EUR 49,153 miljun għall-2013 (214,875 miljun).

Jekk wieħed iqis li fl-iprogrammar finanzjarju ta' Frar 2009 l-Kummissjoni kienet qed tipprevedi marġni ta' EUR 111,8 miljun għall-Intestatura 1a għall-2010 u rriżulta li kien biss ta' EUR 147,000, huwa ċar li s-sitwazzjoni hija delikata ħafna. Għaldaqstant, għandha titqies il-ħtieġa ta' reviżjoni possibbli tal-limiti massimi biex jiġi ssodisfat il-finanzjament ta' dawn it-tliet aġenziji ġonna.

4. Fil-fatt, l-ispiżza reali tal-aġenziji se tkun ħafna oħla, peress li se tammona għal madwar EUR 149,17 miljun, imma l-Istati Membri se jikkontribwixxu, permezz tal-kofinanzjament,

<sup>1</sup> Dawn huma l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE), il-Kumitat tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej (CEIOPS) u l-Kumitat tar-Regolaturi ta' Titoli Ewropej (KRTE).

b'madwar EUR 89.497 miljun, li hu 60% tal-ispejjeż globali tal-funzjonament tal-aġenziji sa tmiem il-qafas finanzjarju pluriennali attwali:

<b>Aġenzija</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>	<b>2013</b>	<b>TOTAL</b>
ABE Stati Membri + UE = <b>Total</b>	7, 809+5,206 <b>=13,015</b>	11, 033+7,355 <b>=18, 388</b>	13, 448+8,965 <b>=22, 413</b>	32,290+21, 527 <b>=53, 816</b>
AEAPX Stati Membri + UE = <b>Total</b>	8, 197+4,235 <b>=13, 662</b>	10, 803+5,950 <b>=18, 005</b>	12, 737+6, 799 <b>=21, 228</b>	31,737+16, 984 <b>=52,895</b>
ESMA Stati Membri + UE = <b>Total</b>	6, 352+5,465 <b>=10,587</b>	8, 925+7, 202 <b>=14, 874</b>	10,199+8,491 <b>=16, 998</b>	25,476+21, 158 <b>=42, 459</b>

fmiljni ta' Euro

5. Fir-rigward tal-persunal, tliet aġenziji ġodda se jfissru, sal-2014, 269 aġent ieħor (224 AD u 45 AST):

<b>Aġenzija</b>	<b>2011</b>	<b>2012</b>	<b>2013</b>	<b>2014</b>
ABE persunal (AD/AST)	40(36/4)	62(53/9)	80(69/11)	90(73/17)
AEAPX persunal (AD/AST)	40 (32/8)	62(50/12)	73 (60/13)	90 (77/13)
ESMA persunal (AD/AST)	43 (35/8)	60 (50/10)	76 (64/12)	89 (74/15)

6. Il-Kummissjoni qed tiproponi li t-tliet aġenziji l-ġodda jkollhom is-sede tagħħom fil-postijiet attwali tax-xogħol tal-kumitat superviżorji Ewropej (Pariġi, fil-każ tal-ESMA), li jidher li hu soluzzjoni raġonevoli ħafna kemm mil-lat prattiku kif ukoll minn dak finanzjarju, peress li se jiffaċilita l-bidu immedjat tal-funzjonijiet tal-aġenzija l-ġdida u jevita nefqa żejda b'istallazzjonijiet ġodda, trasferiment ta' persunal, eċċ.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Bagħits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbi, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### **Emenda 1**

## **Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**

### **Paragrafu 1 a (ġdid)**

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva*

*Emenda*

*1a. Iqis li l-ammont ta' referenza indikat fil-proposta leġiżlattiva huwa kompatibbli mal-limitu massimu għas-sottointestatura 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2007-2013, iżda li l-marġni disponibbli fl-intestatura 1a għall-perjodu 2011-2013 huwa limitat ħafna u li l-finanzjament ta' attivitajiet ġodda m'għandux jipperikola l-finanzjament ta' prioritat jiet oħra fis-sottointestatura 1a; itenni, għalhekk, it-talba tiegħu għal analiżi tal-qafas finanzjarju pluriennali, flimkien ma' proposti konkreti biex jiġi aġġustat u rivedut qabel it-tmiem tal-ewwel simestru tal-2010 bl-użu tal-mekkanizzi kollha disponibbli skont il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 u, b'mod partikolari, dawk li jinsabu fil-punti 21 sa 23 tiegħu, biex jiġi żgurat il-finanzjament tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-Awtorità) mingħajr ma jiġi pperikolat il-finanzjament ta' prioritat jiet oħra, u filwaqt li jiġi żgurat li jkun għad baqa' marġni suffiċjenti fis-sottointestatura 1a;*

### **Emenda 2**

## **Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**

### **Paragrafu 1 b (ġdid)**

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva*

*Emenda*

*1b. Jenfasizza li d-dispożizzjonijiet tal-punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali għandu jiġi applikat għat-twaqqif tal-Awtorità; jenfasizza li, jekk l-lawtorita leġiżlattiva tiddeċċiedi favur it-twaqqif tal-Awtorità, il-Parlament se jidħol fin-negozjati mal-fergħa l-oħra tal-awtorita baġiatarja bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fil-ħin dwar il-finanzjament tal-Agħenċija*

*b'konformita□ mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Interistituzzjonali;*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 41

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(41) Sabiex tiġi ggarantita l-awtonomija u l-indipendenza sħiħa tagħha, l-Awtorità għandha tingħata baġit awtonomu bi dħul princiċialment minn kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-proċedura baġitarja ***tal-Komunità għandha tapplika biss fir-rigward tal-kontribuzzjoni Komunitarja.*** Il-verifika tal-kontijiet għandha ssir mill-Qorti tal-Audituri.

###### *Emenda*

(41) Sabiex tiġi ggarantita l-awtonomija u l-indipendenza sħiħa tagħha, l-Awtorità għandha tingħata baġit awtonomu bi dħul princiċialment minn kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. ***Il-finanzjament tal-Awtorità mill-Unjoni huwa suġġett għal ftehim tal-awtorità baġitarja skont il-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba***<sup>1</sup>. Il-proċedura baġitarja ***tal-Unjoni*** għandha tapplika. Il-verifika tal-kontijiet għandha ssir mill-Qorti tal-Audituri. ***Il-baġit ġenerali huwa suġġett għall-proċedura ta' kwittanza.***

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

###### *Ġustifikazzjoni*

*L-Awtorità hi stabbilita bħala aġenzija ddeċentralizzata tal-Unjoni Ewropea u se tkun iffinanzjata skont il-Ftehim Interistituzzjonali. Dan għandu jkun rifless fil-bażi legali tagħha.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) kontribuzzjonijiet obbligatorji ***mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti*** nazzjonali;

###### *Emenda*

(a) kontribuzzjonijiet obbligatorji ***mill-awtoritajiet pubbliċi*** nazzjonali ***li huma responsabbi għas-superviżjoni tal-isituzzjonijiet finanzjarji, li għandhom isiru skont formola bbażata fuq l-***

*agġġustament tal-voti stipulat fl-Artikolu 3(3) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;*

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) sussidju **mill-Komunità**, imdaħħal fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Taqsima tal-Kummissjoni);

*Emenda*

(b) sussidju **mill-Unjoni**, imdaħħal fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Taqsima tal-Kummissjoni), *suġġett għal ftehim tal-awtorità bagħtarja kif ipprovdu fil-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali;*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 4 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4a. Il-kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-awtoritat jiet pubbliċi nazzjonali u ssussidju mill-Unjoni, skont il-paragrafu 1(a) u (b), għandhom ikunu disponibbli fil-bidu ta' kull sena finanzjarja.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

9. Il-Parlament Ewropew, wara rakkmandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti l-kwittanza lill-Awtorità sabiex timplimenta

9. Il-Parlament Ewropew, wara rakkmandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti l-kwittanza lill-Awtorità *għall-*

l-baġit għas-sena finanzjarja N.

*implementazzjoni tal-baġit, li jkun magħmul minn dħul mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, għas-sena finanzjarja N.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Bord Maniġerjali, bi qbil mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri implementattivi meħtieġa, skont l-arranġamenti previsti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti dwar il-Persunal.

*Emenda*

2. Il-Bord Maniġerjali, bi qbil mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri implementattivi meħtieġa, skont l-arranġamenti previsti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti dwar il-Persunal. *Il-miżuri implementattivi għandhom jippermettu devjazzjonijiet iġġustifikati biex tīgħi għarantita l-aktar implementazzjoni effikaċi possibbli tal-kompieti identifikati għall-Awtorità.*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<b>Referenzi</b>	COM(2009)0503 – C7-0167/2009 – 2009/0144(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b>	ECON
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	BUDG 7.10.2009
<b>Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra</b>	Jutta Haug 21.10.2009
<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.4.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 38 0 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Damien Abad, Alexander Alvaro, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Giovanni Collino, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Estelle Grelier, Carl Haglund, Jutta Haug, Jiří Havel, Sidonie Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Nadezhda Neynsky, Miguel Portas, Dominique Riquet, Sergio Paolo Francesco Silvestris, László Surján, Helga Trüpel, Daniël van der Stoep, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franziska Katharina Brantner, Giovanni La Via, Peter Šťastný